32004D0074

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 74/2004

tat-8 ta' Ġunju 2004

li temenda l-Anness XI (Servizzi tat-telekomunikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawn taħt imsejjaħ bħala "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XI tal-Ftehim kien emendat bil-Ftehim fuq il-parteċipazzjoni tar-Repubblika Ċeka, r-Repubblika ta' l-Estonja, r-Repubblika ta' Ċipru, r-Repubblika ta' l-Ungerija, r-Repubblika tal-Latvja, r-Repubblika tal-Litwanja, r-Repubblika ta' Malta, r-Repubblika tal-Polonja, r-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika ta' l-Islovakkja fiż-Żona Ekonomika Ewropea iffirmat fl-14 ta' Ottubru 2003 fil-Lussemburgu ([1]).

(2) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/558/KE tal-25 ta' Lulju 2003 fuq l-ipproċessar ta' l-informazzjoni tal-post minn fejn wieħed isejjaħ (caller location information) f'*networks* ta' komunikazzjoni elettronika bl-iskop li jissaħħu s-servizzi tas-sejħiet ta' emerġenza minn fuq il-post (location-enhanced emergency call services) ([2]) għandha tiġi nkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jiġi mdaħħal wara punt 5cn (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/548/KE) ta' Anness XI tal-Ftehim:

"5co. **32003 H 0558**: Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/558/KE tal-25 ta' Lulju 2003 fuq l-ipproċessar ta' l-informazzjoni tal-post minn fejn wieħed isejjaħ (caller location information) f'*networks* ta' kommunikazzjoni elettronika bl-iskop li jissaħħu s-servizzi tas-sejħiet ta' emerġenza minn fuq il-post (location-enhanced emergency call services) (ĠU L 189, tad-29.7.2003, p. 49)."

Artikolu 2

It-testi tar-Rakkomandazzjoni 2003/558/KE fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, għandhom ikunu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE *fil-Ġurnal Uffiċjali ta' L-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-9 ta' Ġunju 2004, bil-kondizzjoni li n-notifikazzjonijiet kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu ġew magħmula lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-sezzjoni taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' L-Unjoni Ewropea*.

MagħmulA fi Brussell, fit-8 ta' Ġunju 2004.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

S. GILLESPIE

([1]) ĠU L 130, tad-29.4.2004, p. 3.

([2]) ĠU L 189, tad-29.7.2003, p. 49.

(*) L-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali m'huma indikati.